MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 273/1993/1

**Alfred Baldacchino**

**v.**

**Kummissarju ta' l-Artijiet, Godfrey Leone Ganado fil-kwalita` tieghu ta' Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u b'nota tas-6 ta' April 1993 Anthony Ventura assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta u Direttur tax-Xoghlijiet.**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar il-pregudizzjali sollevata mill-appellat Alfred J. Baldacchino dwar ir-ritwalita` o meno tal-procedura addottata mir-rikorrent Perit Arkitett Valerio Schembri.

Din il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar l-applikabilita` o meno ta' l-Artikoli 229 u 667 tal-Kap. 12, tosserva fl-ewwel lok li l-Art. 229, inkluz is-subartikolu (3) tieghu, mhux applikabbli ghall-kaz in kwantu l-provvediment li qed jigi mpunjat mhux digriet interlokutorju peress li jirregola r-relazzjonijiet ta' persuni li ma humiex parti fil-kawza u cioe` l-perit mahtur fil-kawza u r-Registratur. L-Art. 667 tal-Kap. 12 jipprovdi procedura ad hoc ghal kwalunkwe lment li jista' jkun hemm fil-konfront tad-decizjoni tar-Registratur dwar taxxa billi minn dik id-decizjoni jinghata dritt ta' appell quddiem l-istess Qorti bil-mod stabbilit fl-istess Artikolu. Kull decizjoni minn dik il-Qorti hi decizjoni fi stadju ta' appell, u ghalhekk minn dik id-decizjoni ma jistax isir rikors lil din il-Qorti kif effettivament sar.

Ghalhekk tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Alfred J. Baldacchino, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------